MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 69/2001/1

**Middle Sea Insurance Plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Dorothy Formosa**

**Vs**

**Jason Camilleri u b'digriet moghti fit-8 ta' Marzu 2001 is-socjeta "Lloyds (Malta) Limited li interveniet fil-kawza in statu et terminis" u dan "ex lege" ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jifformaw id-ditta assikuratrici ossija sindikati ta' Lloyds u li jgibu in-numri 980 u 218 operanti taht l-isem ta' "Ensign Motor Policies at Lloyds" (vide fol 10 sa fol 40 tal-atti) u 'Laferla Insurance Agency Limited bhala rappresentanti lokali tal-istess ditti ossija sindikati kif dawn is-sindikati**

**jinsabu issurrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Jason Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaleix din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara bejn l-istess konvenut u Dorothy Formosa, is-sewwieqa tal-vettura numru KBA 882, u li sehh fit-22 ta' Novembru 1999 fil-limiti ta' Bugibba waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura DBF 845 b'mod traskurat u negligenti u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' hames mija u tlettax il-Lira Maltin u wiehed u sittin centezmi (Lm513.61) jew ammonti ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' Periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Ottubru 2000 (notifika fis-19 ta' Ottubru 2000).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u kif wkoll bl-ispejjes ta' Ittra Ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u ppresentata ma l-avviz.

Rat in-nota tas-socjeta attrici (presumibilment konvenuta) a fol 9 sa fol 40 tal-atti, kif ukoll ir-rikors u digriet relattivi, liema digriet inghata fit-8 ta' Marzu 2001 (fol 41 u fol 42) u li permezz ta' dan din il-Qorti awtorizzat lill-"Lloyds (Malta) Limited" nomine tintervjeni f'din il-kawza "in statu et terminis".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta intervenuta fil-kawza nomine et li biha (a fol 46 ibid) esponew bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu responti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba t-tort u traskuragni tal-konvenut Jason Camilleri izda minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-assikurata tas-socjeta attrici Dorothy Formosa.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suddett, id-danni riklamati mis-socjeta attrici bhala rizultat tal-kollizjoni huma ezagerati.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-imsemmija <u>Dorothy Formosa</u> (fol 54 u fol 98 et seq ibid) spjegat illi hi kienet qed issuq il-vettura assikurata mas-socjeta attrici f'Triq Promenade f'Bugibba, liema triq giet deskritta minnha bhala "… ftit ghan-nizla". Maghha kien hemm iz-zewgt itfal taghhom, minorenni fosthom Andrew Formosa (ara infra). Hi kompliet tghid illi fil-hin tal-incident cjoe ghall-habta tas-6pm meta kien di gja dalam, hi kienet ghadha kemm daret ma' liwja fit-triq u sabet, quddiemha il-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenut u wieqfa ("ipparkeggata") f'nofs it-triq u thares "… lejn id-direzzjoni opposta". Meta rat hekk, hi waqfet warajha madwar zewg metri jew zewg metri u nofs il-boghod minnha. Wara li hekk stenniet ghal ftit ta' hin, il-vettura quddiemha ".. mxiet lura" u ndjetreggat b'mod mghaggel ghal fuq il-vettura misjuqa minnha avolja ghajtet u daqqet il-"horn". Wara l-incident u wara li l-konvenut kien qalilha aktar minn versjoni wahda tal-incident in esami, b'kull versjoni ma taqbilx mal-ohra hi informat lill-Pulizija dwar l-incident izda l-istess Pulizija ma gewx fuq il-post peress li trattasi ta' kollisjoni "bumper to bumper". Difatti l-konvenut esebixxa <u>kopja ta' dikjarazzjoni</u> (a fol 107 ibid) liema dikjarazzjoni, pero', ma tinkludix il-versjoni tal-fatti sottomessa mix-xhud, immedjatament wara l-incident in esami (ara 'infra'). L-imsemmi <u>Andrew Formosa</u> (fol 66 u fol 100 et seq ibid) meta xehed in esami, kkonferma dak li

xehdet ommu, Dorothy Formosa. In kontro esami, hu zied jghid illi kemm il-vettura misjuqa minn ommu kemm dik misjuqa mill-konvenut kienu ".. ghad-dritt" ossija "…dritti" meta gara l-incident in esami. Inoltre dik misjuqa minn ommu, giet imwaqqfa "… boghod (mill-ohra) qiesu tul ta' karozza". Inoltre l-vettura l-ohra ma ndejtreggatx " bis-sahha lejna" u din kienet "… kbira hafna …. Tip Jeep" u " L-impatt kien pjuttosot qasir".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 105 u fol 115 et seq ibid) jsostni illi l-vettura tieghu tal-marka "Tata Safari" kienet parkeggata ma ohrajn, mal-hajt. Hu kien hareg minn hawn fejn kien parkeggat ".. kwazi ghal kollox" u "… xi ftit angolat". Hu kompla biex jghid illi quddiemi, zewg vetturi ohra waqfu "… peress li kien hemm karozza ohra li kienet hierga mill-'parking' ukoll 'ossija … zewg (2) karozzi ohra". In rigward l-istess vettura "… jiena cedejtilha u waqaft ghalhekk ghal kollox" u meta mxiet ".. jiena kont ser naqla' billi nsegwi dik ta' quddiemi". Hawnhekk "… kif kont ghadni wieqaf" saret il-habta. Pero hu kkorrega ruhu billi qal "Qabel ma qlajt .. il-van misjuq minni, forsi mar lura xi tlett (3) pulzieri . Anzi nikkorengi ruhi – sitt (6) pulzieri" u kien hawnhekk li filfatt saret il-habta".

B'referenza ghall-imsemmija dikjarazzjoni", jidher li fiha hu ma semmiex illi, filfatt, il-vettura misjuqa minnu indjetreggat lura waq tli kien ser jsuq il-quddiem. Difatti hu testwalment qal u ddikjara "Kont hiereg minn parking". Waqaft minhabba karozza ohra u dahlet go fijja".

Ikkunsidrat

Illi minn analisi tal-provi kif esposti jidher, fis-sustanza, illi, fil-fatt, il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet wieqfa. Pero' meta' l-istess konvenut mar sabiex jaqla u jsuq il-quddiem il-vettura misjuqa minnu, filfatt indjetreggat. Jidher li dan gie kawzat minhabba li t-triq in kwistjoni hi ftit ghan-nizla u minhabba li, kwazi certament, il-konvenut ma' kienx attent bizzejjed sabiex jassigura ruhu u jara li, waqt li kien qed jaqla minn posizzjoni wieqfa u f'triq ftit

ghan-nizla, l-vettura misjuqa minnu ma tindjetreggax. Dan jindika li s-sewqan tal-konvenut kien akkwantu negligenti minhabba dik li ghadu kemm inghad, fatt ammess mill-istess konvenut fix-xhieda tieghu. Inoltre dan premess jidher li l-versjoni tal-fatti kif sottomessa minn Dorothy Formosa hi dik li l-aktar tirrispekkja dak li, effettivament, gara f'dan il-kaz fis-sens illi l-konvenut indjetregga l-vettura mijsuqa minnu, b'din tal-ahhar tahbat ma dik misjuqa minn Dorothy Formosa u li kienet ilha wieqfa ghal kollox ghal madwar zewg minuti. Jinghad ukoll li ma gie pruvat xejn li jista' jindika li l-istess Dorothy Formosa ikkontribwiet, b'xi mod, ghall-istess incident.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-hsarat li garrbet il-vettura misjuqa minn Dorothy Formosa, issir referenza ghad-dokumenti a fol 57 et seq ibid, liema dokumenti fil-kontentut taghhom ma gewx kontestati b'xi prova kontrarja. Pero' Dorothy Formosa xehdet (fol 55 ibid) illi hi li ma hiex parti f'din il-kawza, kienet hallset Lm25 bhala "excess". Ghalhekk l-ammont mitlub fl-avviz, dovut lis-socjeta assikruatrici nomine, ghandu jitnaqqas b'Lm25.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba sewqan traskurat, negligenti u b'nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. tillikwida l-ammont ta' danni involuti fis-somma ta' Lm488.61 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm488.61 bl-imghax legali mid-19 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-pariri ammontanti ghal Lm15 u tal-ittri ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2000 u tat-31 ta' Jannar 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------